# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru**

**Numru 9**

**Rikors numru 37/16 LSO**

**Christopher Schembri**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent Christopher Schembri mis-sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] fit-30 ta' Marzu 2017 [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt illi laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimati, cahdet it-talbiet tar-rikorrenti billi ma sabitx li l-pozizzjoni li hadet il-Qorti

tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali [il-Qorti tal-Magistrati] fil-kawza **Il-Pulizija [Spettur Dennis Theuma] v. Christopher Schembri** permezz tad-digriet taghha datat 1 ta' Lulju 2015, hija leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni] u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni], bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Rikors Promotur u l-Eccezzjonijiet**

2. Illi r-rikorrenti jinsab mixli quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali b'diversi reati konnessi mal-pussess u traffikar ta' droga bi ksur ta' diversi dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz tar-rikors kostituzzjonali minnu pprezentat fid-19 ta' April 2016, huwa jilmenta illi sofra lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti mill-artikoli surriferiti <u>minhabba l-pozizzjoni li hadet il-Qorti tal-Magistrati fid-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2015</u>. Ir-rikorrenti jsostni illi fl-imsemmi digriet taghha, li nghata insegwitu ghar-rikors li pprezenta fis-26 ta' Marzu 2015, il-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba tieghu biex ma tapplikax l-emenda tad-dispozizzjoni tal-Artikolu 639(3) li giet fis-sehh fit-3 ta' Ottubru 2006, u ppronunzjat ruhha dwar l-applikabbilita` tal-imsemmija emenda ghall-kaz kriminali pendenti fil-konfront tieghu.

3. Ir-rikorrent jilmenta li d-divergenza bejn id-disposizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali kif kienu qabel sehhet l-emenda, u kif inbidlu bis-sahha tal-imsemmija emenda li giet introdotta permezz tal-Att XVI tal-2006, tohloqlu pregudizzju fid-difiza tieghu, li jivvjola d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Skont ir-rikorrenti, bis-sahha tal-emenda in dizamina, il-valur probatorju tax-xhieda tal-komplici inghata iktar piz u b'hekk inholqot il-possibbilita` li huwa jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontrih, filwaqt li qabel l-imsemmija emenda, l-applikazzjoni tar-regola kontenuta fl-Artikolu 639(3) x'aktarx ma kinitx twassal ghal sejbien ta' htija da parti tar-rikorrent. Isostni li din id-divergenza tpoggih f'pozizzjoni zvantagguza fil-proceduri kriminali surriferiti, minhabba illi l-emenda msemmija giet fis-sehh wara li allegatament ikkometta r-reat li bih jinsab akkuzat quddiem dik il-Qorti, ghalkemm qabel ma gie effettivament mixli quddiem l-istess Qorti f'Lulju 2007.

4. Ir-rikorrenti jsostni wkoll illi l-emenda in dizamina ma tistax titqies bhala wahda ta' natura prettament procedurali stante illi r-regola gdida li introduciet l-imsemmija emenda tincidi wkoll fuq is-sostanza tar-reati li gie mixli bihom u ghalhekk l-istess emenda ma ghandhiex issib applikazzjoni retroattiva fil-kaz tieghu.

5. Ir-rikorrenti ghalhekk talab lill-ewwel Qorti li [1] tiddikjara li l-pozizzjoni li hadet il-Qorti tal-Magistrati permezz tad-digriet taghha datat 1 ta' Lulju 2015 hija leziva tad-drittijiet fondamentali tieghu hekk kif sanciti fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u [2] taghti dawk l-ordnijiet u direttivi li tqis xierqa biex jigi assigurat li d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq ma jigix lez, fosthom billi taghti direttiva lill-Qorti tal-Magistrati li qed tisma' l-kawza kriminali pendenti fil-konfront tieghu, sabiex ma tapplikax l-emenda ghall-Artikolu 639(3) fuq indikat.

6. L-intimati l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, fir-risposta taghhomipprezentata fis-6 ta' Mejju 2016, eccepew illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi r-regola kontenuta fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 639(3) hija regola ta' natura procedurali u mhux sostantiv, u ghalhekk ghandha applikazzjoni immedjata kif del resto jinsab assodat fil-gurisprudenza tal-qrati f'din il-materja. L-intimati eccepew ukoll illi r-rikorrenti naqas milli jispecifika b'liema mod huwa soffra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq u f'kull kaz it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda.

**Is-Sentenza Appellata**

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi l-artikolu **639 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** llum jiddisponi hekk:

> “*"639 (3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b’kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat."*

“Dan l-artikolu nbidel bis-sahha ta’ l-Att XVI tas-sena 2006, u gie fis-sehh fit-3 ta’ Ottubru 2006 bis-sahha ta’ l-Avviz Legali 231 tas-sena 2006.

“Qabel li gie sostitwit dan is-subartikolu kien jiddisponi hekk:

> “*"Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat b' xi procediment ghal xi reat li ma jkunx **wiehed minn** dawk imsemmija fl-artikolu 112 sa 118, 120, 121, 124 sa 126, u 138; ikun il-komplici, u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati."*

“Illi skont **l-artikolu 30 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta):**

> *"<u>Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali</u> meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

“Illi f'dan l-istadju bikri l-ewwel osservazzjoni li ser taghmel din il-Qorti hija dwar il-fatt li ghalkemm ir-reat allegatament kommess jirrisali ghas-sena 2005, effettivament ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-6 ta' Lulju 2007 (fol 26 tal-process) u allura <u>wara li l-emenda dahhlet fis-sehh</u>.

“L-**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni** jiddisponi hekk:

> “*“Kull meta xi hadd ikun akkuzat b’reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’ligi”.*

“Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju impost abbazi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan l-artikolu jiddisponi :-

> “*"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta’ xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi......."*
> *(2) Kull min ikun akkużat b’reat kriminali għandu jiġi meqjus*
> *li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*
> *-omissis-"*

"Illi r-rikorrent qed jillanja li l-applikazzjoni tad-disposizzjoni 639(3) tal-Kap 9 kif emendata tilledi d-dritt tieghu taht l-artikoli indikati billi tpoggih f'sitwazzjoni zvantaggjata. Huwa ma jindikax taht liema parti tal-artikolu 6 u 39 qed iressaq din it-talba izda l-Qorti tifhem li essenzjalment il-kwistjoni hija dwar l-applikazzjoni retroattiva ta' ligi penali fil-kuntest ta' dik il-parti tad-drittijiet sanciti li tipprotegi s-smigh xieraq.

"Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet biex jippronunzjaw ruhhom f'kazijiet simili.

"Kif kien gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. George Faenza et** deciz fis-7 ta' Jannar 2005:

> "*"Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma' Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, izda wkoll il-principju 'nullum crimen, nulla poena sine lege' li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-nonretroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[1] kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea[2].*

"Il-Qorti kompliet:

> "*"Huwa car, ghalhekk, li l-principju tan-nonretroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkazzjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li, bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta' applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga` gew istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-"procedura" gdida – ara, fost ohrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti, kollegjalment komposta, tal-24 ta' Jannar, 1989 fl-ismijiet* ***The Republic of Malta v. Ravi Ramani*** *u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri.*** *Jinghad "bhala regola" ghax ma huwiex eskluz li jista' jkun hemm materji, apparentement procedurali, izda li tant direttament jincidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta' dak l-att jew ta' dik l-ommissjoni, li ghalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-principju tan-non-retroattivita`."*

---

[1] 39(8): "*Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."*

[2] 7*(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skont ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar." Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina*."

“Dan l-insenjament gie segwit b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali kollegjalment komposta, fil-kaz fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Mahmud Ali Amber** fis-sentenza tat-28 ta' Gunju 2007 fejn gie ritenut li :

> “*“M’hemm l-ebda dubju li s-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali jifforma parti mid-dritt procedurali u ghaldaqstant mhuwiex applikabbli l-principju tan-nonretroattivita`. Konsegwentement, anke fir-rigward ta’ reati li <u>sehhew qabel it-3 ta’ Ottubru 2006</u>, fejn l-uniku xhud kontra akkuzat huwa komplici, illum l-Imhallef li jippresjedi l-guri ghandu jaghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda tal-komplici b’kawtela qabel ma jserrhu fuqha. Naturalment l-istess jghodd ghall-Qrati tal-Magistrati, fis-sens li l-korroborazzjoni mhix mehtiega aktar izda l-gudikant ghandu jipprocedi b’dik il-kawtela li l-kaz ikun jirrikjedi tenut kont tal-fatt li l-uniku xhud kontra l-akkuzat ikun il-komplici li jista’ jkollu interess aktar minn haddiehor li jfarfar minn fuq spallejh ghal fuq spallejn l-akkuzat.”*

“Illi similment il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Mario Borg v L-Avukat Generali** deciz fis-6 ta' Ottubru 2009 irriteniet:

> “*"Il-htiega o meno ta’ korroborazzjoni tifforma invece parti integrali mar-rekwiziti li huma prettament ta’ natura procedurali, jigifieri “the means and instruments by which those ends (i.e. ‘the administration of criminal justice’) are to be attained”. L-appellant ghandu dritt li ma jikkondividix necessarjament din l-interpretazzjoni imma din il-Qorti ma tahsibhiex bhalu. U, in propozitu, tajjeb li tigi riprodotta silta ohra minn dak li jghallem il-Professur Mamo (ibid) ghaliex din ghandha wkoll rilevanza in materja, jigifieri li, “Therefore, (while) the general rule remains that a new law of procedure in so far as it regulates the form of the the proceedings or the competence or jurisdiction of the courts operates retrospectively so as to cover also procedings in respect of offences committed under the old law, and this whether the new law does not operate retrospectively unless it is in fact more favourable to the defendant … … …”. (Solttolinear tal-Qorti).......din il-Qorti hija tal-fehma li, minn punto di vista legali, regola li ghandha x’taqsam purament ma kif issir il-prova m’ghandha titqies qatt bhala wahda li hija “intimament konnessa mal-mertu tal-kawza,” kif qieghed, zbaljatament, bir-rispett kollu, jikkontendi u jippretendi l-appellant. Kwantu ghal dak il-fattur li ghandu jiddistingwi jekk ligi hijiex wahda ta’ natura sostantiva jew inkella procedurali, il-Qorti tal-ewwel grad stess, b’mod konciz imma approfondit, hadet il-briga li taghmel riferenza ghal sentenza ohra li tmur lura ghas-sena 1949 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Borg et** fejn fiha jinghad illi:*
>
> “*“Kwantu ghall-kwistjoni tar-retroattivita` tal-ligijiet penali ta’ procedura, jehtieg li wiehed jiddistingwi bejn dawk il-ligijiet li huma prettament procedurali, cioe` ta’ vera u proprja procedura, b’mod li jkun fattur ordinatorium litis biss, u dawk li huma intimament konnessi mal-‘fondo della causa’, b’mod li jkunu fattur decisorium litis. Dawk tal-ewwel japplikaw retroattivament; l-ohrajn ma ghandhomx dan l-effett”.*

“Illi r-rikorrent qed jakkampa fuq dan il-bran ta' l-ahhar in sostenn tat-tezi tieghu. Izda din il-Qorti ma taqbilx ma‘ dak sottomess.

“Illi ghandu jigi senjalat li r-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, ghamel accenn ghall-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, li mhuwiex il-mertu ta' dawn il-proceduri. Aparti dan il-*lapsus* jargumenta li jekk ir-regoli tal-procedura jbiddlu b'tali mod li dak li, sa ftit taz-zmien ilu, ma setax jigi stabbilit illi kien sehh reat minhabba li ma kienx hemm provi bizzejjed u f'daqqa wahda, minhabba bdil procedurali hemm provi bizzejjed biex jigi stabbilit li sehh reat - dan il-kambjament ghandu effett kbir fuq il-proceduri illi jekwivali "*kwazi ghall-bidla fil-ligi sostantiva."*

“Illi dan ir-ragunament ma jistax jigi akkolt. Il-provi mhumiex elementi kostituttivi tar-reat . L-emenda in kwistjoni la tohloq reat gdid u lanqas piena gdida. Ma tikkreax elementi godda ghas-sussistenza tar-reat jew izzid il-pieni applikabbli. Ir-reat baqa' l-istess - li nbidlu huma r-regoli procedurali dwar il-htiega ta' korroborazzjoni tax-xhieda tal-komplici. Izda dana fis-sens li l-limitu tal-artiklu 639(3) tal-Kap 9 fuq riferit jistabbilixxi normi direzzjonali lill-gudikat li jkun qieghed jippresjedi l-guri biex dan ikun jinkombi fuqu li jidderiegi lill-gurati biex qabel ma jistriehu fuq xi xhieda u jistabbilixxu l-htija, huma ghandhom l-ewwel jevalwaw u jivvalutaw ix-xhieda moghtija b’***kawtela***.[3]

“Illi hekk kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Il-Pulizija -v-Lawrence Cuschieri** moghtija fit-8 ta' Jannar 1992 "*d-direttiva ta' l-artikolu 639(3) f'kull forma tieghu, hija lill-gudikant - mhux bhala xi mizura rigida ta' precizjoni matematika u kumulattiva, imma ghall-formazzjoni ta' dik il-konvinzjoni konxjenzuza profonda u perswaza li jikkomponu kull gudizzju ta' gudikant."*

“Illi huwa minnu li l-Qorti f'dik il-kawza kienet qed tevalwa emenda antecedenti fl-artikolu 639(3) fil-kuntest tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. Izda l-principju jibqa' l-istess billi r-rikorrent f'dak il-kaz kien ilmenta li l-emenda introdotta fis-sena 1988 kien biddel l-oneru tal-prova fuq il-Prosekuzzjoni billi gie alleggerit.

“Illi difatti r-regoli ta' evidenza jincidu fuq d-dritt sancit bl-artikolu 6 f'kaz li dan jigi lez wara li jigu valutati *the proceedings as a whole* u f'dan il-kuntest, il-Konvenzjoni ma tistabilixxix regoli predeterminati. Tant hu hekk li l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick[4] jippremettu li "*The right to a fair hearing in article 6(1) does not require that any particular rules of evidence are followed in national courts in either criminal or non-criminal cases."* Jghidu li r-regoli dwar l-ammissibilita' ta' xhieda huwa principalment regolati mil-ligi nazzjonali[5] billi "*The question for the Court instead is whether the proceedings as a whole,*

---

[3] Ara f'dan is-sens il-Pulizija v Mark Charles Kenneth Stephens (PA (Kost.) tat-30 ta' Gunju 2016

[4] Law of the European Convention on Human Rights (3rd ed) pp 418 *et sequitur*

[5] **Schenk v Switzerland** - A 140(1988); 13 HRR 242 para 46 PC

*including the way in which the evidence was obtained, were fair."*[6] Jghidu wkoll ad ezempju li "*the admission of evidence by an accomplice or other accused who has been promised immunity is not of itself contrary to article 6*[7]*... it has also been held that it is not in breach of Article 6 ... for a conviction to be founded solely on circumstantial evidence."*[8]

"Illi jsegwi li ma hemm xejn fil-konvenzjoni li jivvjeta l-applikazzjoni retroattiva ta' ligijiet procedurali. L-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, li mhuwiex il-mertu f'dawn il-proceduri, japplika l-principju sostantiv ta' *nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege* li mhuwiex il-kaz tallum.

"Illi aparti punti sollevati dwar il-kontestazzjoni principali, l-intimat jsostni li fil-kuntest ta' reati migjuba taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu japplika l-artikolu 30 tal-istess Ligi li huwa *lex specialis,* u dan billi r-rikorrent gie akkuzat li ttraffika u forna d-droga eroina lil terzi. L-applikabilita' ta' dan l-artikolu lill-kaz in ezami, billi il-komplici kien *middleman,* huwa kkontestat bejn il-partijiet. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-digriet lanjat, qieset li dan l-artikolu japplika ghall-kaz minnkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 639 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta (vide *ante*).

"Ikkonsidrat li ghalkemm ir-rikorrent qed jimpunja dan id-digriet, mhuwiex qed jilmenta dwar is-sostanza tieghu imma dwar ic-cahda tat-talba tieghu li l-emenda m'ghandhiex tigi applikata retroattivament.

"Illi l-applikabilita' *o meno* tal-artikolu 30 tal-Kap 101 hija kwistjoni purament ta' interpretazzjoni ta' ligi ordinarja li tispetta lill-Qrati ordinarji u ghalhekk din il-Qorti mhix ser taghti l-ebda gudizzju dwar dan.

"Illi kif din il-Qorti kellha okkazzjoni li tosserva fil-bidu, jirrizulta li l-proceduri kriminali nbdew <u>wara</u> li ddahhlet fis-sehh l-emenda in kwistjoni. Ghaldaqstant dan il-kaz lanqas jipprospetta xi tibdil li gie introdott fil-kors tal-proceduri. Dan il-fattur jimmilita wkoll kontra r-rikorrent billi l-proceduri kriminali waqghu pjenament fl-ambitu tal-emenda procedurali gdida. Ghal kuntrarju, ad ezempju, l-kaz ta' Mario Borg kien kemmxejn differenti u sahansitra kien jipprospetta ipotezi aghar minn dak tar-rikorrent billi kien gja strada d-difiza tieghu waqt il-fazi istruttorja u kien ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fil-guri abbazi tal-posizzjoni legali antecedenti.

"Illi dwar il-principju tan-non retroattivita' fil-ligi penali meta din tolqot is-sustanza tar-reat, il-Qrati Maltin fis-sentenzi ccitati kienu konkordi li

[6] **Khan v UK 2000-V; 31 EHRR 1016 para 34.**

[7] **Cornelis v Netherlands No. 994/01, 2004-V**

[8] **Albert v Italy No. 12013/86 59 DR 100 (1989)**

> l-emenda introdotta fl-artikolu 639(3) tal-Kap 9 hija ta' indoli procedurali, u kwindi l-applikazzjoni tal-istess ghall-kawzi pendenti li, izda jirrisalu ghall-perjodu antecedenti ghall-emenda, mhix leziva tad-dritt ghas-smigh xieraq sanciti bl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni.
>
> "Din il-Qorti hi tal-fehma li l-posizzjoni fil-Qrati taghna hija ormai assodata u ghalhekk ser tichad it-talbiet kif dedotti".

## L-Appell

8. Ir-rikorrent pprezenta l-appell tieghu permezz ta' rikors datat 19 ta' April 2017, fejn talab illi din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

9. L-aggravji huma ccentrati fuq l-interpretazzjoni zbaljata li, skont ir-rikorrent, l-ewwel Qorti ghamlet tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 639(3). Fil-qosor, iz-zewg aggravji huma s-segwenti: (i) id-decizjoni tal-ewwel Qorti li ma sabet xejn vjolattiv fid-digriet tal-1 ta' Lulju 2015 moghti mill-Qorti tal-Magistrati, hija hazina ghaliex il-principju ta' retroattivita` ta' ligijiet procedurali fil-kamp kriminali, huwa wiehed generali u, f'dan il-kaz partikolari ma ghandux isib applikazzjoni u, (ii) l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qieset bhala wahda mir-ragunijiet ghac-cahda tat-talba tieghu, il-fatt illi huwa kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati wara li dahlet fis-sehh l-emenda in dizamina. Skont ir-rikorrent, id-data meta huwa gie effettivament mixli ma hijiex relevanti fid-determinazzjoni tal-

effett retroattiv o meno tal-emenda in dizamina, izda z-zmien relevanti huwa dak ta' meta allegatament sehhew ir-reati.

10. Ghal dan l-appell, l-intimati ipprezentaw risposta fit-2 ta' Mejju 2017 u ghar-ragunijiet esposti fl-istess risposta, huma sostnew illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk, l-appell tar-rikorrenti ghandu jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**L-Aggravji**

*L-Ewwel Aggravju*

11. Ir-rikorrenti, fl-ewwel aggravju tieghu jghid li, billi r-regola kontenuta fl-Artikolu 639(3) tolqot l-element sostantiv tar-reat li gie mixli bih, l-ewwel Qorti ma messhiex iddecidiet li l-Qorti tal-Magistrati ma mxietx bi ksur tad-dritt tieghu meta rrifjutat it-talba tieghu biex ma tigix applikata l-imsemmija emenda fil-proceduri pendenti quddiemha.[9] Jghid illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddikjarat illi l-provvediment ta' dak l-artikolu ghandu jitqies bhala norma ta' indoli procedurali u ghalhekk ghandu effett u applikazzjoni immedjata u bir-rizultat li, skont ir-rikorrent, gie lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. L-ewwel Qorti, filwaqt illi kkonstatat li din il-konkluzjoni taghha tinsab assodata fil-gurisprudenza

[9] Fid-digriet ta' l-1 ta' Lulju 2015.

kostanti ta' din il-Qorti u qrati ohrajn f'din il-materja, iddikjarat li ma hemm xejn leziv fid-digriet de quo.

12. Jidher illi din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti giet motivata mill-konsiderazzjoni li ghamlet fis-sentenza appellata[10], illi r-rikorrenti qieghed jilmenta mhux dwar is-sostanza tad-digriet tal-1 ta' Lulju 2015 "*imma dwar ic-cahda tat-talba tieghu li l-emenda m'ghandhiex tigi applikata retroattivament*".

13. Din Qorti fliet bir-reqqa l-atti tal-proceduri odjerni, senjatament il-kopja legali tal-atti tal-process kriminali pendenti kontra r-rikorrenti quddiem l-Qorti tal-Magistrati, li giet esebita f'dawn il-proceduri[11], u tinsab ferm perplessa kif dawn il-proceduri waslu s'hawn u kif ir-rikorrenti ghadu qed jinsisti illi l-Qorti tal-Magistrati llediet id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq permezz tad-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2015.

14. L-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq jinsab imsawwar unikament fuq ic-"<u>cahda</u>" u l-"<u>pronunzjament</u>" li huwa jghid li ghamlet il-Qorti tal-Magistrati fid-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2015. Mill-analizi li ghamlet din il-Qorti tal-imsemmija atti, jirrizulta b'mod mill-iktar limpidu illi effettivament, i<u>l-Qorti tal-Magistrati qatt ma cahdet it-talba tieghu fir-rikors tas-26 ta' Marzu 2015 biex ma tapplikax l-</u>

[10] Pagna 23 tas-sentenza appellata: l-ahhar pargrafu.

[11] A fol. 16 *et seq*.

emenda inkwistjoni, wisq inqas ippronunzjat ruhha fis-sens li sejra tapplika l-emenda in dizamina ghall-kaz tar-rikorrenti.[12]

15. Huwa imperattiv, ghall-ahjar intendiment ta' din l-osservazzjoni, illi jigu prodotti testwalment il-partijiet relevanti mill-atti li jidher li sawru l-ilment "kostituzzjonali" tar-rikorrenti u taw lok ghal dawn il-proceduri odjerni.

16. Jirrizulta illi t-talba tar-rikorrenti fir-rikors tas-26 ta' Marzu 2015[13] quddiem il-Qorti tal-Magistrati li wassal ghad-digriet lamentat, kienet testwalment biex dik il-Qorti "*tirrifjuta li tapplika l-emenda taht l-Artikolu 693 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*" u dan wara li r-rikorrenti ppremetta fl-istess rikors li l-Qorti tal-Magistrati "*ghandha tindika d-direzzjoni li sejra tiehu dwar l-applikazzjoni o meno tal-emenda ghall-Artikolu 693(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra*".[14]

17. Id-digriet tal-1 ta' Lulju 2015[15], jaqra hekk:-

"Il-Qorti,

"Rat ir-rikors tal-imputat tas-26 ta' Marzu 2015;

---

[13] A fol. 285 et seq.

[14] A fol. 287.

[15] A fol. 294

> "Rat ir-risposta tal-prosekuzzjoni tat-13 ta' April 2015;
>
> "F'dan l-istadju tigbed l-attenzjoni tad-difiza ghad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li skont id-dicitura tieghu stess huwa applikabbli minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 639(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jitkellem dwar persuna li tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 101.
>
> "Ghal fini tal-istess Artikolu, l-intenzjoni ta' din il-persuna li hekk tixtri, tikseb jew takkwista m'hijiex relevanti ghal fini tal-applikazzjoni o meno tal-istess artikolu". [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

18. Mid-dicitura ta' dan id-digriet, ma jistax jigi ravvizat u identifikat l-ebda cahda tat-"*talba tar-rikorrenti sabiex ma tapplikax l-emenda hekk kif indikat f'tali rikors*", kif allegat fir-rikors promotur fil-proceduri odjerni. Lanqas jirrizulta illi l-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat ruhha b'xi mod dwar it-talba tar-rikorrenti biex tiddikjara jekk hijiex ser tapplika l-emenda fl-Artikolu 639(3) o meno fil-kawza kriminali quddiemha. Anzi, jidher li l-Qorti tal-Magistrati imxiet b'mod kawt u qaghdet ferm attenta biex ma tesprimix ruhha dwar l-applikabbilita` o meno tal-emenda in dizamina f'dak l-istadju tal-proceduri fejn ir-rikorrenti kien ghadu qed iressaq id-difiza tieghu.

19. Ma jistax ma jigix osservat ukoll illi l-unika referenza li jidher li ghamlet il-Qorti tal-Magistrati fl-imsemmi digriet taghha, hija ghall-Artikolu 30 tal-Kapitolu 101, liema Artikolu huwa inekwivoku meta jghid li l-provvedimenti tieghu jsibu applikazzjoni minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 639(3) u konsegwentement, irrispettivament mill-applikazzjoni o

meno tad-dicitura tal-Artikolu 639(3) qabel jew wara l-emenda in dizamina.

20. Jigi ribadit ghall-kjarezza illi r-rikorrenti istitwixxa dawn il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti bil-hsieb espress u inekwivoku illi jikseb dikjarazzjoni fis-sens li, meta l-Qorti tal-Magistrati bid-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2015, cahdet it-talba tieghu biex tirrifjuta l-applikazzjoni tal-artikolu 639(3), gie lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Izda evidentement, dan l-argument seta' jkun relevanti biss f'kaz illi l-Qorti tal-Magistrati cahdet l-imsemmija talba u/jew ghamlet il-pronunzjament li r-rikorrenti jilmenta bih u li jifforma l-fondament shih u uniku tal-proceduri odjerni.

21. Fil-qafas tal-allegazzjonijiet li saru mir-rikorrent fir-rikors promotur, din il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghall-osservazzjonijiet rapportati mill-Qorti tal-Magistrati fid-digriet taghha datat 29 ta' Frar 2016 li gie moghti fuq rikors ipprezentat mir-rikorrenti sussegwentement ghad-digriet tal-1 ta' Lulju 2015, fit-30 ta' Novembru 2015[16]:-

> "Issa jibda biex jinghad illi <u>fid-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2015, din il-Qorti ma ddecidiet bl-ebda mod dwar jekk ghandux japplika l-Artikolu 639(3) kif vigenti fiz-zmien tal-allegat reat jew l-istess artikolu kif vigenti llum</u>, izda semplicement gibdet l-attenzoni tad-difiza illi l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 japplika minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 639(3) tal-Kap. 9. <u>Il-Qorti ma tippronunzjax ruhha meta taghti direzzjoni, altrimenti jkun tassew odjuz illi tigi mitluba sabiex taghmel dan minn parti fil-kawza biex imbaghad dik l-istess parti tallega xi</u>

[16] A fol. 296 *et seq*.

> nuqqas jew ksur da parti tal-istess Qorti. Illi Qorti tippronunzja ruhha biss meta taghmel ezami akkurat tal-fatti rizultanti mill-provi u tapplika l-Ligi ghal dawk il-fatti, sabiex b'hekk tasal ghas-sentenza finali taghha. Li l-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-partijiet ghall-ligi ma tinvolvi l-ebda decizjoni dwar il-mertu".[17] [Sot litolinejar ta' din il-Qorti]

22. B'dan id-digriet il-Qorti tal-Magistrati ikkjarifikat li b'ebda mod ma cadet it-talba tar-rikorrenti, allura akkuzat, dwar dak li kien talab u li kien qed jilmenta minnu.

23. Madanakollu, ir-rikorrenti xorta wahda ghazel li jipprocedi quddiem il-qrati kostituzzjonali billi rriproduca b'mod kwazi identiku fir-rikors promotur, l-istess talbiet u lmenti dwar id-digriet tal-1 ta' Lulju 2015.

24. Hawnhekk ikun opportun illi jigi senjalat li r-rikorrenti ma ghamel l-ebda accenn kwalsiasi f'dawn il-proceduri, la ghar-rikors tieghu tat-30 ta' Novembru 2015 u lanqas ghad-digriet relattiv tad-29 ta' Frar 2016 fejn finalment il-Qorti tal-Magistrati ddecidiet illi t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mir-rikorrenti fir-rikors tieghu tat-30 ta' Novembru 2015 riferibbilment ghad-digriet tal-1 ta' Lulju 2015, huwa semplicement frivolu u vessatorju.

---

[17] A fol 308 u 309.

25. Ir-rikorrent lanqas jidher li qieghed jikkontesta l-pronunzjament li setghet ghamlet il-Qorti tal-Magistrati[18] dwar l-applikabbilita` o meno tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 101, ghalkemm jidher li huwa jikkontendi ripetutament[19] li dan l-Artikolu ma jistax isib riskontru fil-kaz tieghu, filwaqt illi l-Qorti tal-Magistrati[20] dehret appuntu propensa li tikkonsidra l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu li evidentement, jipprevali fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 639(3).

26. Ferm il-premess, l-unika konkluzjoni li din il-Qorti tislet hija li, minghajr decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati fid-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2015 li tichad it-talba tar-rikorrenti biex ma tapplikax l-emenda in dizamina, ma tista' tigi ravvizata l-ebda kwistjoni ta' ksur tal-artikoli tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni citati mir-rikorrenti fir-rikors promotur, naxxenti mill-imsemmi digriet. Konsegwentement, din il-Qorti ma tarax kif tista' tqis l-ilmenti tar-rikorrenti bis-serjeta` u certament, ma tista' qatt tiddikjara, kif giet mitluba li taghmel, illi pozizzjoni li qatt ma hadet il-Qorti tal-Magistrati fid-digriet lamentat, hija vjolattiva tad-dritt ghal smiegh xieraq. Il-fondament ta' dawn il-proceduri jinsab appuntu fil-kawzali espressament imfissra mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu li fil-parti relevanti taqra hekk:

---

[18] Fid-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2015.

[19] Ir-rikorrenti jirribadixxi din il-pozizzjoni fir-rikors tas-26 ta' Marzu 2015 a fol. 285, fir-rikors tat-30 ta' Novembru 2015 a fol. 296, u fir-rikors tieghu tad-19 ta' April 2016 a fol. 1.

[20] Ara digriet tal-1 ta' Lulju 2015.

> "Illi permezz ta' digriet datat 1 ta' Lulju 2015, dik l-Onorabbli Qorti [Qorti tal-Magistrati] cahdet it-talba tar-rikorrent sabiex din il-Qorti ma tapplikax l-emenda hekk kif indikat f'dak ir-rikors.
>
> "………. Galadarba issa dik il-Qorti ppronunzjat ruhha u ghalhekk huwa ezawrixxa kull tip ta' rimedju ghad-dispozizzjoni tieghu, li l-pozizzjoni li hadet il-Qorti tal-Magistrati.. tilledi d-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq……".

27. Jirrizulta li din il-kawzali *ictu oculi* u bl-iktar mod manifest, hija bazata fuq fatt li mhux talli ma giex provat, izda talli rrizulta li huwa inezistenti.

28. Ferm il-premess kif ukoll l-iskorta ta' diversi rikorsi prattikament identici intavolati mir-rikorrent konsekuttivament, huwa evidenti li l-appell odjern ma huwa xejn hlief tentattiv iehor tieghu illi jkompli jtawwal il-proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu, billi jibqa' jinterpreta d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati fl-1 ta' Lulju 2015, b'mod li jaghti sostenn lill-allegazzjoni tieghu li l-imsemmi digriet illeda l-jedd tieghu ghal smiegh xieraq. Dan jammonta ghal abbuz lampanti mir-rikorrenti mill-proceduri kostituzzjonali. L-aggravji u, addirittura l-kaz kollu tar-rikorrenti, hekk kif mibnija fuq percezzjoni ta' fatt li fir-realta` huwa inezistenti, ma kienux jimmeritaw li jigu investigati la mill-ewwel Qorti u lanqas minn din il-Qorti, ahseb u ara akkolti.

29. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tikkonsidrax il-htiega li tkompli telabora ulterjorment fuq dan l-aggravju, senjatament fuq it-tibdil fil-valur probatorju tal-Artikolu 639[3] wara li gie emendat.

30. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

31. Dan hu fis-sens li z-zmien relevanti ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 639[3] mhuwiex iz-zmien meta r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati, izda z- zmien li fih allegatament sehh ir-reat.

32. Fir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha fl-ezami tal-ewwel aggravju u, ghall-istess ragunijiet, tikkonsidra li mhuwiex il-kaz li dan l-aggravju jigi ezaminat ulterjorment.

33. Ghaldaqstant tqis dan l-aggravju bhala mhux gustifikat u tichdu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jhallashom ir-rikorrenti u peress li jikkonkorru c-cirkostanzi

previsti fil-partita 10(1) tat-Tariffa A tal-Kap. 12 tordna lill-appellant ihallas spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qrati fl-ammont ta' elf euro (€1000).

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb